**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 30 ta' Gunju, 2016

Rikors Guramentat numru : 232/15 AL

**A B**

**vs**

**C D KI 306186M u Direttur tar-Registru Pubbliku u b'digriet tal-5 ta' Mejju 2016 gew kjamati fil-kawza il-minuri E B, F B, G B u H B u b'digriet tal-5 ta' Mejju 2016 A B giet mahtura bhala kuratrici ad litem tal-minuri E B, F B, G B u H B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ipprezentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi minn relazzjoni li l-attrici kellha mal-intimat C D twieldu l-ulied minuri E B 13.12.2005; F B 15.12.2007; G B 8.12.2008 u H B 4.8.2011;
2. Illi ghalkemm il-minuri imsemmija huma l-wild naturali tal-

intimat C D, fuq ic-certifikati tat-twelid tal-istess l-imsemmija minuri gew dikjarati bhala ‘unknown father’ meta dan mhux il-kaz;

3. Illi ghalhekk jehtieg illi jsiru l-emendi necessarji fic-certifikati tat-twelid tal-minuri li jgibu in-numri ta’ iskrizzjoni 4013/2005; 440/2008; 443/2009 u 2923/2011;

Talbet li l-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi li l-minuri E B, F B, G B u H B huma l-ulied naturali tal-intimat C D;
2. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fic-certifikat tal-minuri imsemmija li huwa iskritt bin-numri 4013/2005; 440/2008; 443/2009 u 2923/2011 fil-kolonna fejn hemm indikat “missier it-tarbija” u li fil-present jindika “missier mhux maghruf” jigu inseriti l-konnotati tal-intimat C D, il-professjoni jew sengha tieghu, l-eta’, post tat-twelid u residenza tal-intimat, u jekk huwiex haj jew mejjet u jekk ikun opportun f’kull att iehor relattiv u sussegwenti;

Bl-ispejjez kontra l-intimati ingunti ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li permezz taghha eccepixxa :

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Ġenerali ma ġiex notifikat skont kif jipprovdi l-**Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**. Isegwi għalhekk illi t-terminu għall-preżentata tar-risposta għadu ma bediex jiddikorri;
2. Illi fl-ewwel lok huwa indispensabbli għall-integrita’ tal-ġudizzju li jiġu msejħa fil-kawża l-minorenni E B, F B, G B u H B ai termini ġenerali tal-**Artikolu 961 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta** u senjatament tal-**Artikolu 86A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta** li jippreffiġġi illi *”L-omm ta’ iben imnissel jew imwieled barra miż-żwieġ li ma jiġix magħruf mil-missier, <u>u dak l-istess tifel</u>, jistgħu f’kull żmien iressqu*

*talba ġudizzjarja biex tiġi stabbilita l-paternità tat-tifel u biex il-Qorti tordna ir-reġistrazzjoni ta' dik il-paternità fl-atti ta' l-istat ċivili relattivi".* Għaldaqstant għandhom jiġu msejħa fil-kawża l-minorenni E, F, G u H, aħwa B, li għandhom jkunu debitament rappreżentati *ad litem* minn kuraturi jew tuturi maħtura mill-Qorti, sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-imsemmija minorenni skont id-dispożizzjonijiet tal-**Artikoli 781, 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u in linea preliminari ukoll, ir -rikorrenti A B għanda titlob bl-applikazzjoni tal-Artikolu **175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** korrezzjoni fir-rikors in risposta stante li n-numru ta' iskrizzjoni tal-att tat-twelid ta' G B ġie kwotat b'mod skorett bħala erba' mija, tlieta u erbgħin (443) tas-sena elfejn u disgħa (2009) minflok erba' mija, tlieta u erbgħin (443) tas-sena elfejn u tmienja (2008);
4. Illi mingħajr ħsara, l-esponent jistqarr li mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni hu jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha kkonċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;
5. Illi bla ħsara għas-suespost f'każ li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, l-esponent jistieden lil konvenut C D sabiex jippreżenta d-dettalji personali kollha tiegħu, permezz ta' nota li tispeċifika senjatament (1) In-numru tal-karta tal-Identita, (2) ismu u kunjomu, (3) l-età tiegħu meta twieldu l-minorenni E, F, G u H, aħwa B, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta' residenza tiegħu meta twieldu l-imsemmija minorenni, (6) isem u kunjom ta' missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldu l-minorenni E, F, G u H, aħwa B. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferiti minorenni E, F, G u H, aħwa B, bin-numri ta' registrazzjoni progressivi ta' erbat elef u tlettax (4013) tas-sena elfejn u ħamsa (2005), erba mija u erbgħin (440) tas-sena elfejn u tmienja

(2008), erba mija, tlieta u erbgħin (443) tas-sena elfejn u tmienja (2008) u elfejn, disa' mija, tlieta u għoxrin (2923) tas-sena elfejn u ħdax (2011), rispettivament;

6. Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva illi l-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b'mod definittiv liema kunjom għandhom jassumu l-minorenni E, F, G u H, aħwa B, a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;
7. Illi subordinament, bla ħsara għal premess, biex ikun hemm bdil f'kull att ieħor tal-istat ċivili, ir-rikorrenti għandha tispeċifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat ċivili li hija qiegħda tagħmel riferenza għalihom u ssejjes azzjoni a tenur tal-**Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;
8. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;
9. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Semghet lill-konvenut C D debitament assistit jiddikjara li qieghed jaqbel illi l-minuri msemmija fir-rikors guramentat huma l-ulied naturali tieghu ;

Rat in-nota kongunta tal-kontendenti tat-18 ta' Marzu 2016 li permezz taghha qablu li l-minorenni E,  F, G u H ahwa B huma l-ulied naturali taghhom u ghaldaqstant m'hemmx lok li jsiru testijiet tad-DNA sabiex tkun stabilita l-paternita` ta' dawn l-ulied minuri u inoltre qeghdin ukoll jaqblu li apparti li l-intimat C D ghandu jkun registrat bhala l-missier naturali taghhom, kunjomhom ghandu jkun registrat bhala D B. Din in-nota konguntiva tinsab a fol. 21 tal-process;

Rat li apparti d-Direttur tar-Registru Pubbliku, l-konvenut C D ma pprezentax risposta guramentata u ghalhekk huwa kontumaci f'din il-kawza ;

Semghet lix-xhieda li tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, l-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum ;

Ikkunsidrat :

Rat li Dr. Stephanie Borg irtirat l-ewwel eccezzjoni taghha u tat ruhha b'notifikata bl-avviz tas-smigh tal-kawza u bir-rikors guramentat ukoll ghan-nom tal-Avukat Generali;

Il-Qorti rat ukoll li giet sorvolata t-tieni eccezzjoni tal-konvenut Direttur peress li l-minuri E B, F B, G B u H B gew kollha msejjha fil-kawza u rapprezentati minn ommhom A B li giet mahtura bhala kuratrici *ad litem* taghhom ;

Il-Qorti rat ukoll li Dr Stephanie Borg irtirat it-tielet eccezzjoni taghha;

Rat illi l-konvenuti kollha taw ruhhom b'notifikati bil-korrezzjoni u ghalhekk din l-eccezzjoni giet ukoll sorvolata ;

Il-Qorti rat ukoll li l-attrici A B ipprezentat nota bid-dettalji personali kollha tal-konvenut C D u ghalhekk giet sorvolata ukoll il-hames eccezzjoni tal-konvenut direttur ;

Is-sitt eccezzjoni tal-konvenut direttur giet ukoll sorvolata peress illi l-partijiet qablu li l-minuri ghandhom jassumu l-kunjom D B ;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti ghandha quddiemha talba relatata mal-paternita` ta' minuri E B, F B, G B u H B;

Illi fic-certifikat tat-twelid l-imsemmija minuri hemm imnizzel li huma ulied missier mhux maghruf, izda kif diga` ntqal, il-konvenut C D qieghed jaqbel permezz ta' nota kongunta li pprezenta flimkien mal-attrici, li l-ulied minuri huma uliedu naturali u l-partijiet qeghdin jaqblu wkoll  illi m'hemmx bzonn li jsiru testijiet xjentifiki tad-DNA biex jikkonfermaw dan il-fatt maqbul bejniethom.

**IL-MERTU TAL-KAZ ODJERN**

Il-Qorti tirrileva li hemm qbil bejn il-partijiet fis-sens illi r-rikorrenti kellha relazzjoni mal-intimat C D li minnha twieldu l-ulied minuri E B, F B, G B u H B kif imsemmi fir-rikors guramentat u kif diga ntqal, il-konvenut qieghed ukoll jaqbel ma' dan il-fatt kif tixhed ukoll in-nota konguntiva tal-kontendenti tat-18 ta' Marzu 2016 li tinsab a fol. 21 tal-process ;

Illi l-partijiet qablu wkoll dwar il-kunjom li ghandhom jassumu l-imsemmija minuri ;

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq imsemmija, il-qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa` t-talbiet kollha attrici. Tiddeciedi u tiddikjara li l-minuri _ E B, F B, G B u H B huma l-ulied natural tal-intimat C D u konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex fl-atti tat-twelid tal-minuri E B, F B, G B u H B, numri ta' Iskrizzjoni msemmija fir-rikors guramentat jigu kkancellati l-kliem *missier mhux maghruf* u jigu nseriti l-konnotati tal-intimat C D,
Karta tal-Identita` numru 306186M ;
Post tat-Twelid : Pieta`
Iben R D
Post ta' residenza fiz-zmien tat-twieldu l-minuri  :  Rabat, Malta
Eta` fiz-zmien li twieldu l-minuri : E : 19 il-sena
F : 21 sena
G : 22 sena u
H : 25 sena

Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici u l-konvenut C D fi kwoti ndaqs bejniethom.